Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 36/15

**Maria Lourdes Demarco (appellanti)**

**vs**

**Ministeru tal-Finanzi (appellat)**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. Fit-2 ta' Gunju, 2015 l-appellanti kienet ipprezentat rikors fit-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva wara li t-*Transfer of Residence Exemption Board* cahad talba ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi *ai termini* tal-Artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament numru 4 tal-Avviz Legali 196/2009 kif emendat bl-Avviz Legali 440/2013, fuq mutur li hi u zewgha kienu xtraw mill-Istati Uniti fis-sena 2011 wara li kienu emigraw lejn l-istess pajjiz fl-1989. L-appellanti argumentat li ghalkemm il-mutur kien registrat f'isem ir-ragel taghha, dan kien jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk hi wkoll setghet tibbenifika mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti.

2. L-appellat wiegeb li l-appell kien wiehed manifestament infondat, frivolu u vessatorju ghaliex ma kienx ibbazat fuq ragunijiet ta' fatt jew ta' dritt. Ir-regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01 (A.L. 196/2009) kien car u inekwivoku li vettura setghet tikkwalifika ghal ezenzjoni jekk tkun registrata f'isem l-individwu ghal sentejn.

3. B'sentenza tal-5 ta' April 2016, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad it-talba tal-appellanti wara li kkunsidra s-segwenti:

> *"Illi t-Tribunal haseb fit-tul fuq din il-kwistjoni. Illi t-Tribunal, bhall-intimat, m'ghandu l-ebda problema jikkoncedi illi l-mutur in kwistjoni huwa wkoll proprjeta' tar-rikorrenti. Pero' dan it-Tribunal, bhall-Bord, irid isegwi dak li tiddetta l-ligi. Dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Bord. Il-legislatur ried li l-vettura migjuba Malta tkun* ***registrata f'isem l-individwu*** *li jkun ha r-residenza tieghu f'Malta. Huwa ferm ovvju li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrenti – fattur dan li jirrendi lir-rikorrenti f'posizzjoni li ma tikkwalifikax biex tapplika ghall-ezenzjoni. Il-Qrati, u f'dan il-kaz dan it-Tribunal, iridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni li jaddottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti interpretazzjoni ohra lill-provvediment tal-ligi relattiv ikun qieghed jikkontorta dak li l-legislatur kellu f'mohhu, apparti li jkun qieghed jiftah bieb ghall-abbuz.*

*… It-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li r-rikorrenti hija ko-proprjetarja tal-mutur in kwistjoni. Dak li pero' ma giex sodisfatt huwa l-fatt li l-istess mutur,* nonostante *l-ko-proprjeta' tar-rikorrenti, ma kienx registrat fuq isimha u kwindi jaghmilha ineligibbli sabiex tigi kkunsidrata ai finijiet ta' ezenzjoni ta' taxxa ta' registrazzjoni.*

*Illi ghalhekk, dan it-Tribunal, ghalkemm jasal biex jifhem l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrenti, sakemm id-dicitura tal-ligi tibqa' kif inhi, l-istess Tribunal ma jistghax jasal biex jifhem l-argumenti mressqa mid-difensur tar-rikorrenti, sakemm id-dicitura tal-ligi tibqa' kif inhi, l-istess Tribunal ma jistghax jasal ghall-konkluzzjoni li l-Ministeru intimat ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-mutur in kwistjoni ma kienx registrat fuq isimha ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel hadet ir-residenza taghha hawn Malta u ghalhekk il-mutur in kwistjoni ma kienx jikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni.*

**DECIDE**

*Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*"

4. B'rikors ipprezentat fit-18 ta' April 2016, l-appellanti appellat bl-aggravju jkun li t-Tribunal applika hazin il-ligi partikolarment dik li tirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti li tirregola r-regim matrimonjali ta' bejn l-appellanti u zewgha. Il-mutur in kwistjoni kien akkwistat waqt iz-zwieg mar-ragel taghha u ghalhekk proprjeta' tal-konjugi u r-registrazzjoni tieghu f'isem wiehed mill-konjugi jservi wkoll fil-ligi bhala registrazzjoni f'isem il-konjugi l-iehor jew l-ohra. Il-mutur ghalhekk kien u ghadu proprjeta' taghha, l-akkwist sar erbgha u ghoxrin xahar qabel ma giet lura lejn Malta, il-mutur gie mpurtat f'isimha u baqa' sallum proprjeta' taghha u sahansitra gie assikurat f'isimha. Ir-rekwiziti kollha tal-ligi kienu gew imharsa u ghalhekk l-appellanta talbet li s-sentenza tat-Tribunal tal- 5 ta' April 2016 tigi mhassra u revokata.

5. Fir-risposta tal-appell tieghu, b'referenza specifika ghad-dicitatura tal-Artikolu 4(3)(a) tal-L.S. 368.01, l-appellat sostna li l-ligi kienet cara li l-vettura trid tkun registata f'isem dik il-persuna li tkun qeghda tittrasferixxi r-residenza taghha. Ma kien hemm xejn fil-ligi li kien jirrikjedi lill-appellat sabiex jikkunsidra lir-ragel u wkoll il-mara bhala l-istess persuna. L-appellat kien biss obbligat li jaghti l-ezenzjoni lil dik il-persuna li tkun registrata l-vettura fuqha. Jekk il-konjugi wkoll kien intitolat ghall-ezenzjoni, allura l-legislatur kien jaghmel referenza ghal tali konjugi wkoll: *lex voluit dixit.* Ghalhekk l-appell kien wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt u kellu jigi michud bhala frivolu u vessattorju.

**Konsiderazzjoni.**

6. Dawn huma l-fatti rilevanti:

    i. Fid-19 ta' Awwissu 1989, l-appellanti zzewwget lil Edward Demarco f'Malta;
    ii. F'dik is-sena emigraw lejn l-Istati Uniti u fl-2014 irritornaw Malta;
    iii. Matul is-sena 2011 waqt li kienu ghadhom fl-Istati Uniti, inxtara mutur Harley Davison mudell XL1200N, *Chassis Number* 1HD1CZ3198K402764 u bin-numru tal-magna CZ38402764;
    iv. Il-mutur kien registrat f'isem zewgha, Edward Demarco;
    v. Fit-22 ta' Settembru 2014, l-appellanti mpurtat il-mutur f'Malta, u fit-30 ta' Settembru 2014 applikat f'isimha ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi.

7. Ir-regola generali nsibuha fl-artikolu 19(3)(f) tal-Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) li jipprovdi:

    *"Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

    *(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda leżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi".*

8. Imbaghad regolament 4(3)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur) jipprovdi li vettura trid tkun:

    *"ilha* ***registrata f'isem l-individwu*** *li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta".*

9. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti argumentat:

    *"L-appellanti ssodisfat ir-rekwiziti kollha stipulati mir-regolamenti hawn fuq citati stante li l-mutur in kwistjoni kien u ghadu proprjeta taghha ghaliex akkwistat fiz-zwieg, hija akkwistat tali mutur aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel ma rritornat lura lejn Malta, il-mutur gie mpurtat f'Malta f'isimha, il-mutur baqa' proprjeta taghha meta gie mpurtat f'Malta u ghadu hekk sa llum, il-mutur huwa assikurat f'isimha u hjia ma bbenefikatx minn ezenzjoni mit-taxxa taht ir-regolamenti in kwistjoni".*

10. Irrispettivament proprjeta ta' min hu l-mutur, ghal finijiet ta' ezenzjoni tat-taxx ahu mehtieg li l-mutur ikun registrat f'isem il-persuna li tittrasferixxi r-residenza normali tieghu, ghall-perjodu li jissemma fl-istess regolament. F'dan il-kaz il-mutur ma kienx registrat f'isem l-appellanti, izda f'isem zewgha (ara *certificate of title*).

11. Fil-kaz in ezami l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni minhabba *Transfer of Residence* saret mill-appellanti. Madankollu mhemmx prova li matul il-perjodu li jissemma f'regolament 4(3)(a), il-mutur kien registrat f'isem l-appellanti. Gialadarba wiehed mir-rekwiziti li tezigi l-ligi hu li l-mutur ikun registrat f'isem il-persuna li tittrasferixxi r-residenza, it-Tribunal jidher li applika l-ligi b'mod korrett ghall-kaz li kellu quddiemu. Il-qorti tosserva wkoll li fl-applikazzjoni stess jissemma li l-applikant jista' jintalab jipprezenta, "*Vehicle registration certificate showing date when it was* ***registered in the name of the applicant***".

12. Skont l-imsemmi regolament, wiehed mir-rekwiziti ghall-ezenzjoni mit-taxxa hi li l-mutur ikun registrat f'isem il-persuna li tittrasferixxi r-residenza. Sub-regola (4) tipprovdi bl-iktar mod car li **l-ezenzjoni ma tinghatax meta**:

   *"(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taht is-subregola (3)".*

   F'dan il-kaz ladarba l-appellanti, li kienet l-applikanti, ma kellhiex il-mutur registrat f'isimha, ma tissodisfax wiehed mir-rekwiziti taht is-subregola (3) tar-regolament 4.

13. Ghaldaqstant, irrispettivament l-appellanti hijiex koproprjetarja tal-mutur, ma kinitx il-persuna li f'isimha kien registrat il-mutur. Ghaldaqstant kuntrarjament ghal dak li ssostni l-appellanti, it-Tribunal m'applikax il-ligi b'mod skorrett.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.